**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. MARK SIMIANA, LL.D**
**IMĦALLEF**

Rikors Maħluf Numru 875/2016 MS

Marica Cutajar

Vs.

Turnkey Creative Limited

Illum, 7 ta' Diċembru, 2023

Kawza Numru : 21

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors maħluf preżentat mill-attriċi fit-3 t'Ottubru, 2016, li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi hija kienet ġiet ingaġġjata mis-soċjetà konvenuta sabiex tiġġestiha u dan għall-perijodu minn Ottubru 2014. Hija spiċċat minn dan ix-xogħol fil-15 ta' Frar 2016; u illi fil-fatt hija kienet ġiet ukoll nominata bħala direttur tas-soċjetà u kienet tieħu ħsieb li tagħmel prattikament dak kollu li kien hemm bżonn, inkluż l-accounts, in konnessjoni ma' u fl-interess ta' l-istess billi kienet ukoll firmatarja mal-bank u mad-dipartimenti governattivi kollha; Magħha kien hemm ukoll bħala direttur Christopher Borg li għandu l-karta tal-identità bin-numru 65876(M); u illi l-attriċi kienet taħdem almenu bejn tlieta u erba' siegħat kuljum, apparti li kienet taħdem ukoll ħafna mill-ġranet tas-Sibt; u illi l-arranġament tagħha mal-kumpanija kien illi sakemm il-kumpanija titla' fuq saqajha l-ħlasijiet dovuti lilha jiġu postposti, biex b'hekk kif is-

soċjetà konvenuta tibda tagħmel il-profitt tħallas lill-attriċi dak kollu li kien lilha spettanti; Illum il-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija hija tajba biżżejjed; u illi attwalment l-attriċi kienet tant stmata illi kien hemm ukoll intendiment illi f'każ li l-kumpanija tkun għamlet profitt sostanzjali mill-ġestjoni tagħha, allura hija kienet sejra tipparteċipa mill-qligħ li tkun għamlet l-istess soċjetà in lieu għall-ħlas tas-serviġi li hija tat lill-kumpanija; u illi apparti minn dan l-arranġament, l-attriċi kienet silfet, fuq talba tad-direttur l-ieħor Borg, f'diversi okkażjonijiet is-somma globali ta' erbat elef Ewro (€4,000) lis-soċjetà konvenuta; u illi l-attriċi għalhekk tikkalkola li hija tinsab kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fis-somma komplessiva ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) skont ir-rendikont anness, li għalkemm ġiet interpellata tħallas anke permezz tal-ittra uffiċċjali tal-10 ta' Marzu 2016, is-soċjetà konvenuta naqset u qed tirrifjuta li tħallas; għaddiet għalhekk l-istess attriċi sabiex titlob lil dina l-qorti jogħġobha (i) tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-attriċi fis-somma ta' €21,000 jew dik is-somma li tiġi minnha likwidata, occorrendo anki permezz ta' periti nominandi, in via ta' kumpens minnha dovuti għas-servizzi prestati mill-attriċi fl-interess u fuq struzzjonijiet tas-soċjetà konvenuta; (ii) tiddikjara lis-soċjetà konvenuta debitriċi tal-attriċi fis-somma ta' €4,000 lilha mislufa, *brevi manu*, mill-attriċi; (iii) tikkundanna konsegwentement lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma komplessiva ta' €25,000 jew dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din il-qorti, bl-ispejjeż kollha kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-10 ta' Marzu 2016 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment ma' din il-kawża.

2. Rat ir-risposta ġuramentata ntavolata mill-konvenuta fis-7 ta' Novembru 2016[1], li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet: (i) illi t-talbiet tal-attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, stante li ma huwa dovut ebda ammont lill-istess attriċi; (ii) illi hu minnu li l-attriċi kienet għamlet xi żmien tattendi fl-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta, però jiġi rilevat is-segwenti: a) kien għal ħin ferm limitat; b) ma kienx wieħed regolari; u ċ) ma kienx ikun fl-interess tal-istess soċjetà, speċjalment nhar ta' Sibt; (iii) illi ma jirriżultax mill-kotba tal-istess soċjetà li r-rikorrenti avvanzat xi flus lilha; in oltre ma hu dovut l-ebda pagament lilha stante li s-soċjetà ma rrekat l-ebda benefiċċju mill-allegati prestazzjonijiet tagħha; (iv) illi kien hemm ftehim li fil-każ li l-kumpanija tagħmel qligħ, dana kellu jinqasam fis-segwenti persentaġġi u ċioè tletin fil-

[1] A folio 8.

mija (30%) l-intimat [sic: d-direttur attwali tal-intimata], tletin fil-mija (30%) lil ħuh Mario Borg, tletin fil-mija (30%) lir-rikorrenti u għaxra fil-mija (10%) lill-kumpanija; dana kellu jkun l-uniku forma ta' kumpens akwisibli mill-kumpanija; għalkemm ir-rikorrenti ippruvat tiġġestixxi l-kumpanija skont kif riedet hi, ma kellha l-ebda eżitu favorevoli; fl-istess żmien, il-kumpanija qatt ma setgħet tqum fuq saqajha in vista tal-aġir jew komportament tagħha u għalhekk ġiet allontanata; in vista tal-istess ir-rikorrenti ma tistax tippretendi xi tip ta' kumpens mingħand is-soċjetà eċċipjenti; (v) illi dan kollu jfisser li ma hu dovut l-ebda ammont lill-istess rikorrenti; salv kull risposta ulterjuri.

3. Rat ix-xiehda kollha kif ukoll id-dokumenti kollha eżebiti u l-atti proċesswali;

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

5. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija azzjoni li permezz tagħha, l-attriċi qed tfittex li titħallas għal xogħol li hija għamlet bħala direttur tal-konvenuta, kif ukoll għar-restituzzjoni ta' somom ta' flus li hija tgħid li silfet, f'diversi okkażjonijiet, lill-konvenuta.

7. Illi sa fejn huma rilevanti għar-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet li qamu bejn il-kontendenti, il-fatti kif riżultanti mill-provi prodotti waqt is-smigħ tal-kawża jistgħu jiġu brevement riepilogati kif ġej:

   7.1. L-attriċi tgħid li ħadmet għall-konvenuta minn Ottubru 2014 sakemm tkeċċiet fil-11 ta' Frar 2016. Il-konvenuta, li ġiet ikkostitwita fit-8 ta' Jannar 2015[2], topera fis-settur tax-xogħol tal-finituri tal-bini[3].

   7.2. L-attriċi xehdet li, waqt dan l-istess perjodu, hi kienet ukoll maħtura bħala direttur tal-konvenuta, u kienet tieħu ħsieb li tagħmel «*prattikament dak kollu li kien*

[2] Ara l-istatut eżebit a folio 509.
[3] Ara l-affidavit ta' Christopher Borg, a folio 482.

*hemm bżonn, inkluż l-accounts*»[4]. Hija telabora li meta kienet tispiċċa mix-xogħol "normali" tagħha, kienet tagħmel xogħol għall-konvenuta «*almenu bejn tlieta u erba' siegħat kulljum, apparte ukoll ħafna mill-ġranet tas-Sibt, fejn kont nattendi meetings ma' diversi suppliers, klijenti u anke ħaddiema. Kien hemm diversi okkażżjonijiet fejn jien ħadt ġranet leave jew tlaqt mix-xogħol prinċipali tiegħi sabiex nattendi u ninnegozja mal-bank... Is-Sibt, għal kuntrast ma' dak li qal is-Sur Borg, kienet tkun ġurnata ta' ħidma intensiva fuq tenders u proġetti oħra. Kemm-il darba attendew ħaddiema u kuntratturi li ħadmu magħna fuq diversi proġetti*»[5].

7.3. Jirriżulta li parti mix-xogħol li kien isir mill-attriċi kien jinkludi komunikazzjoni u laqgħat mal-banek tal-konvenuta[6], b'rabta mat-talba jew talbiet tal-konvenuta sabiex tikseb ċertu faċilitajiet bankarji. Però rriżulta wkoll illi l-faċilitajiet bankarji li fl-aħħar ittieħdu mill-konvenuta kienu wara t-terminazzjoni tal-kariga tal-attriċi[7], għalkemm il-bank, fi żmien meta l-attriċi kienet għadha direttur tal-konvenuta, kien ikkonċeda faċilitajiet li però ma ttieħdux mill-konvenuta[8]. L-attriċi kien ukoll ikollha komunikazzjoni ma' rappreżentanti tas-soċjetà Malta Industrial Parks Limited, li tamministra proprjetà industrijali tal-Gvern[9], u dan b'rabta ma' xogħlijiet ċivili li l-konvenuta kienet inkarigata twettaq fuq il-proprjetà amministrata minn Malta Industrial Parks Limited. Jidher li dan ir-rwol kien imwettaq mill-attriċi għal perjodu ta' madwar sena[10]. Mix-xiehda tal-Perit John Rizzo Naudi, jirriżulta però li fir-rigward tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet innifishom, il-komunikazzjoni min-naħa tal-Malta Industrial Parks Limited kienet tkun ma' Christopher Borg, aktar milli mal-attriċi[11].

7.4. Jirriżulta wkoll li l-attriċi kienet tassisti lill-konvenuta fis-sottomissjoni ta' offerti għal sejħiet t'offerti għal kuntratti[12], u kienet tieħu ħsieb ix-xogħol tal-uffiċċju

---

4 Ara l-affidavit tal-attriċi a folio 16. Li l-attriċi kienet tieħu ħsieb il-kontabilità tal-konvenuta huwa kkonfermat anki minn oħtha AnnMarie Farrugia (ara folio 22).
5 Ara l-affidavit tal-attriċi a folio 16.
6 Ara wkoll ix-xiehda ta' Claudine Falzon Fiteni, a folio 26, ta' Julie Grech, a folio 30-31, u ta' Claire Mamo, a folio 74F-74G.
7 Ara folio 43, 52 u 64.
8 Ara folio 34.
9 Ara x-xiehda ta' Jean Luca Cassar, a folio 85-86, kif ukoll il-kopja tal-korrispondenza elettronika li tinsab minn folio 102 sa 203.
10 Ara folio 86.
11 Ara folio 91.
12 Ara x-xiehda ta' Chris Said, a folio 98.

hi[13]. Jidher li l-konvenuta, matul il-perjodu tal-ingaġġ tal-attriċi, ingħatat mill-inqas[14] sitt kuntratti ta' xogħol wara sejħa pubblika minn Malta Industrial Parks Limited[15]. Madanakollu Christopher Borg sostna li l-attriċi kienet tissottometti l-offerti mingħajr konsultazzjoni miegħu, b'mod li x-xogħol kien ikollu jsir bit-telf minflok bil-qligħ. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, Borg ikkonferma li hu kien jiffirma mal-attriċi l-offerti li kienet tissottometti hi[16]. Borg jilmenta li kien jitlob lill-attriċi laqgħat kull ġimgħatejn sabiex tiġi verifikata l-likwidità tal-konvenuta, iżda dawn il-laqgħat ma kienux isiru, u fl-aħħar, kien ħa minn idejn l-attriċi x-xogħol tal-mili tal-offerti u beda jagħmel dan ix-xogħol hu flimkien ma' persuna oħra. Sadanittant, xehed Borg, kellu jieħu self mill-bank biex jagħmel tajjeb għat-telf li l-konvenuta kien qed ikollha fix-xogħol, bi ħtija tal-attriċi, liema telf wassal ukoll biex Borg jiffinanzja l-kumpanija minn butu għal ċertu żmien. Hu xehed li, bi ħtija tal-attriċi, għamel sentejn jaħdem għal xejn[17], u l-konvenuta tant kellha kredituri li hu u ħuh kellhom ibiegħu proprjetà personali tagħhom biex jeħilsu minn sekwestri li saru minn dawn il-kredituri.

7.5. L-attriċi xehdet li l-ftehim tagħha mal-konvenuta kien li l-ħlasijiet dovuti lilha kellhom jiġu postposti sakemm il-konvenuta tibda tagħmel profitt[18], però ma spjegatx kif kellu jiġi kalkolat jew komputat il-ħlas dovut lilha. Hi ssostni li l-konvenuta llum għandha qagħda finanzjarja tajba biżżejjed li tippermettilha li tħallas lill-attriċi dak dovut. Skont il-prospett eżebit mill-attriċi mar-rikors ġuramentat tagħha[19], hi qed tippretendi korrispettiv fl-ammont ta' €21,000 għax-xogħol imwettaq minnha, kalkolat bir-rata ta' €15 fis-siegħa għal ħamest ijiem fil-ġimgħa, bi tliet siegħat u nofs għal kull jum, għal sebgħin ġimgħa, kif ukoll bl-istess rata għal sebgħin Sibt, b'sagħtejn u nofs għal kull Sibt[20]. Min-naħa tiegħu, Christopher Borg jgħid li l-ftehim kien li jekk in-negozju tal-konvenuta

---

[13] Ara x-xiehda ta' Reuben Fenech, a folio 99. Dan hu kkonfermat ukoll minn Christopher Borg, ara folio 482.
[14] Jingħad mill-inqas għaliex ir-riferenzi tal-*award letters* eżebiti minn folio 274 sa 279 ma jaqblux dejjem mar-riferenzi tal-*purchase orders* eżebiti minn folio 280 'l quddiem, u għalhekk hemm il-possibilità li kien hemm numru akbar ta' *award letters* li għal xi raġuni ma ġewx eżebiti.
[15] Ara folio 274 sa 279.
[16] Ara folio 580.
[17] Ara l-affidavit ta' Christopher Borg a folio 483.
[18] Ix-xhud AnnMarie Farrugia, oħt l-attriċi, xehdet (a folio 23) li l-attriċi qaltilha li dan kien il-ftehim tagħha mal-konvenuta.
[19] A folio 4.
[20] Ix-xhud Chris Said jikkonferma li kien hemm okkażjonijiet fejn l-attriċi ħadmet għall-konvenuta nhar ta' Sibt (ara folio 98), filwaqt li x-xhud Rueben Fenech jgħid li l-attriċi ħadmet kull Sibt li fih ħadem hu, u hu "tista' tgħid" li ħadem is-Sibtijiet kollha.

jmur tajjeb, igawdu hu, l-attriċi u ħuh Christopher Borg, u jekk le, «*ħadd ma kien jieħu xejn*»[21]. Però jidher li għas-sena 2015, Christopher Borg irċieva salarju fl-ammont ta' €18,637, qabel it-taxxa[22].

7.6. L-attriċi xehdet ukoll li hija kellha ftehim, jew aħjar "understanding", kif issejjaħlu hi, li jekk il-profitt li tagħmel il-konvenuta jkun sostanzjali, hija tipparteċipa f'dak il-qligħ, minflok titħallas tal-prestazzjonijiet li għamlet lill-konvenuta. Dan hu kkonfermat mill-konvenuta stess fir-risposta ġuramentata tagħha, kif ukoll mill-fatt li Christopher Borg kien jintroduċi lill-attriċi bħala s-sieħba tiegħu fin-negozju[23]. L-attriċi tgħid li dan il-ftehim kien anki jikkomprendi ntendiment li l-attriċi eventwalment titlaq l-impjieg prinċipali tagħha u taħdem b'mod sħiħ għall-konvenuta[24]. Irriżulta wkoll li l-attriċi, u żewġha, kienu anki ntrabtu bħala garanti solidali tal-konvenuta għas-self li kienet se tieħu mingħand Bank of Valletta plc[25].

7.7. L-attriċi xehdet li l-konvenuta kellha xogħol, iżda dejjem kienet tispiċċa bla flus għaliex id-direttur Christopher Borg kien jittrasferixxi l-flus tal-konvenuta fil-kontijiet personali tiegħu, għall-użu personali tiegħu[26]. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, Christopher Borg stqarr illi kien ħallas spejjeż relatati mad-dar tiegħu bi flus tal-konvenuta, iżda qal li dan sar wara li kien ta flus personali tiegħu lill-konvenuta[27].

7.8. Ġew eżebiti *management accounts* tal-konvenuta, iffirmati kemm mill-attriċi u kemm minn Christopher Borg, li juru li fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2015 sat-30 ta' Ġunju 2015, il-konvenuta għamlet qligħ, wara t-taxxa, ta' €18,072[28]. Skont ir-rendikont finanzjarju tal-konvenuta għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015[29], u ffirmat minn Christopher Borg, f'dik is-sena l-konvenuta għamlet telf ta' €28,915.

7.9. L-attriċi spjegat ukoll illi f'diversi okkażjonijiet u fuq talbiet tad-direttur l-ieħor tal-konvenuta, Christopher Borg, hija silfet ammonti ta' flus lill-konvenuta, li b'kollox jammontaw għal €4,000, u dan sabiex «*jintużaw biex jitħallsu pagi u*

---

[21] Ara l-affidavit ta' Christopher Borg, a folio 482.
[22] Ara folio 971.
[23] Ara l-affidavit ta' Chris Said, a folio 97.
[24] Ara l-affidavit tal-attriċi a folio 17.
[25] Ara folio 259.
[26] Ara folio 17-18.
[27] Ara folio 600 u 601.
[28] Ara folio 232.
[29] Ara folio 533.

*anke biex jinxtara fuel biex jitħaddmu l-inġenji kemm tal-kumpanija kif ukoll karozzi personali tad-direttur u ta' ħuh*»[30]. Borg, min-naħa tiegħu, jgħid li mhux minnu li kien hemm dan is-self u l-attriċi qatt ma talbet xi ħlas lura qabel ma tkeċċiet[31].

7.10. Hi ssostni li ma nagħatat ebda raġuni għat-tkeċċija tagħha, minkejja li talbet għaliha kemm-il darba[32]. Fix-xiehda tiegħu, Borg xehed li «*Meta rat illi l-kumpanija kienet sejra ħażin u kellha tagħti, hija dabbret rasha*». Imbagħad jgħid li, wara li l-attriċi għamlet madwar erba' xhur ma tersaqx lejn l-uffiċċju, kienet akkużatu li ħa madwar €50,000 mill-kontijiet tal-konvenuta, u kien hemm li keċċiha[33].

8. Illi hekk esposti l-fatti li jsawwru l-kawża, imiss issa li għalihom tiġi applikata l-liġi. Nibdew billi nqisu l-ewwel il-pretensjoni tal-attriċi għall-ħlas tas-serviġi minnha reżi lill-konvenuta.

9. Illi ormai huwa prinċipju stabbilit dak li jqis li r-relazzjoni ġuridika bejn direttur u kumpanija hija waħda affini mal-mandat. Ġjà minn żmien ilu kien osservat illi, «*According to law directors in their internal dealings with the company are the mandatories of, and in their dealings with third parties are the agents of, the company: in the former case the general principles of the law of mandate and in the latter case those of the law of agency would apply*»[34]. Din il-pożizzjoni kienet imħaddna anki fil-ġurisprudenza (viz. ***Giovanni Anastasi noe vs. Kaptan Serafino Xuereb, M.B.E. et***, Qorti tal-Kummerċ, 14/6/1951[35]; ***Salvatore Schembri et noe vs. Salvatore Gauci et noe***, Appelli Kummerċjali, 31/10/1983[36]), u ma nbidlitx lanqas wara l-avvent tal-Att dwar il-Kumpaniji (viz. ***Joseph Grima et vs. Pierre Buontempo et***, Appell Superjuri, 5/4/2013)[37]. Issa, l-artikolu 1861 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li, «*Il-mandat hu bla ħlas jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju*». Apparti l-fatt li mill-provi jirriżulta li ftehim għall-ħlas kien hemm, din il-qorti tosserva wkoll li din id-dispożizzjoni, b'liġi espressa,

---

[30] Ara folio 17.
[31] Ara l-affidavit ta' Christopher Borg a folio 483.
[32] Ara l-affidavit tal-attriċi a folio 16.
[33] Ara l-affidavit ta' Christopher Borg a folio 483.
[34] Profs. F. Cremona, The Law on Commercial Partnerships in Malta, (Malta University Press, 1984), Paġna 113.
[35] Kollezz. Vol.XXXV.iii.624.
[36] Kollezz. Vol.LXVII.ii.307.
[37] Ara wkoll Profs. A. Muscat, Principles of Maltese Company Law (2nd edition), Vol.II, paġna 561-568.

ma tapplikax f'materja ta' rappreżentanza kummerċjali, u dan b'effett tal-artikolu 49 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Dan kollu jfisser illi, kif tajjeb issottomettiet l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, għandu japplika hawnhekk il-prinċipju li min jaħdem jistħoqqlu l-ħlas, jew *omnia labor optat proemium*.

10. Illi l-konvenuta ssostni li l-ftehim kien li l-attriċi tieħu parti mill-qligħ tal-kumpanija kemm-il darba din ikollha l-qligħ. Christopher Borg xehed illi, jekk ma jsirx dak il-qligħ, ħadd ma kellu jieħu xejn, inkluż naturalment hu. Min-naħa tagħha, l-attriċi taqbel li kien hemm ftehim li hija tipparteċipa fil-qligħ tal-konvenuta jekk dan iseħħ, iżda tgħid li hija xorta kellha l-jedd għall-ħlas sakemm dak il-profitt jiġi ġenerat; biss, tgħid l-attriċi, l-ftehim kien li dak il-ħlas isir biss meta l-konvenuta tkun f'pożizzjoni li tħallsu.

11. Illi din il-qorti ma tqisx il-pożizzjoni tal-konvenuta - u ċjoè li l-ftehim kien li l-attriċi tipparteċipa permezz ta' tletin fil-mija mill-qligħ tal-kumpanija meta qligħ ikun hemm - bħala pożizzjoni li hija munita b'karattru ta' verosimilitudni. L-attriċi ma kienet qatt azzjonista tal-konvenuta, li jfisser li ma kellha ebda dritt fuq il-qligħ tal-konvenuta. Huwa diffiċli għal din il-qorti taċċetta li l-attriċi qablet li l-korrispettiv dovut lilha in kontrokambju tal-prestazzjonijiet li kellha tagħti jkun ċirkoskritt għal qligħ li mhux biss kien inċert u, fl-aħjar ipoteżi, eventwali, iżda li għalih ma kellha ebda jedd legali u enforzabbli. Fuq kollox, il-premessa ewlenija tal-argument tal-konvenuta, kif elaborata permezz tal-affidavit ta' Christopher Borg, hi li la hu, la l-attriċi u lanqas ħuh Mario Borg ma kellhom jieħdu xejn mill-kumpanija qabel jasal dan il-qligħ. Il-provi però juru li Christopher Borg irċieva salarju għas-sena 2015, u proprju għalhekk allura din il-qorti tasal għall-konvinċiment li l-ftehim kien proprju kif spjegat l-attriċi. Kif ġie sewwa ritenut: «*Huwa paċifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur. Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi*

*ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant»*[38]. Il-Qorti għalhekk qed tasal għall-konklużjoni li l-ftehim milħuq bejn l-attriċi u l-konvenuta kien li l-attriċi kellha tirċievi ħlas tax-xogħol tagħha, b'dan li dak il-ħlas isir meta l-konvenuta tkun f'pożizzjoni finanzjarja tajba biżżejjed biex tibda tħallas.

12. Illi l-provi ma jurux stampa ċara tal-qagħda finanzjarja tal-konvenuta fil-mument li ġiet istitwita din il-kawża. Il-kontijiet awditjati tal-konvenuta juru telf ta' €28,915 għas-sena 2015. Il-*management accounts* għall-ewwel sitt xhur tal-istess sena però juru qligħ, iżda din il-qorti tħoss li dawn il-kontijiet mhux ta' min joqgħod fuqhom, billi fl-ewwel lok juru biss sitt xhur, u mhux sena, u billi fit-tieni lok, din il-kwalità ta' kontijiet ma jkunux neċessarjament ġew mgħoddija mill-għarbiel t'awditur. Però hu minnu wkoll li, fis-sena 2016, il-konvenuta ingħatat faċilitajiet bankarji abbażi tax-xogħol li hija kienet ingħatat mingħand Malta Industrial Parks Limited, u dan il-fatt ixejjen ix-xbieha ta' qagħda mwiegħra li l-konvenuta tipprova tipperswadi li ġiet mifnija biha.

13. Fuq kollox, din il-qorti però ma tistax tinjora li jekk il-konvenuta tagħmel jew ma tagħmilx il-qligħ huwa fatt li, essenzjalment, jiddependi mill-istess konvenuta. Il-provi juru li l-konvenuta, kif immexxija minn Christopher Borg, għamlet ċertu atti li jinċidu b'mod negattiv fuq l-aspett ta' profitabilità fil-kotba tal-kumpanija. Hekk, per eżempju, ittieħed self bankarju u ma tressqet ebda prova mill-konvenuta dwar x'kienet ir-raġuni mpellenti għaliex dan is-self kellu jittieħed. Christopher Borg iddikjara diversi drabi li t-tmexxija tal-attriċi kienet wasslet biex il-konvenuta teżegwixxi xogħlijiet b'telf minflok bi qligħ, iżda din id-dikjarazzjoni tiegħu qatt ma ġiet minnu korraborata bi provi oħrajn. Anzi, l-provi juru li, fuq ir-riħ tax-xogħlijiet li kienet qed tingħata l-konvenuta mill-enti pubblika affidata bl-amministrazzjoni ta' beni mmobbli industrijali, il-konvenuta ingħatat faċilitajiet bankarji. Lanqas ma tista' din il-qorti tinjora l-fatt li Christopher Borg stess xehed li kien juża fondi tal-konvenuta għal spejjeż li kienu tiegħu personali. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha jrendu applikabbli l-artikolu 1060(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi: «*Il-kondizzjoni titqies li seħħet meta d-debitur obbligat taħt dik il-kondizzjoni jkun dak li impedixxa li tiġri*».

---

[38] ***Maria Xuereb et vs. Clement Gauci et*** (Appell Inferjuri, 24/3/2004).

14. Dwar l-artikolu 1178 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, li huwa identiku għall-artikolu 1060 tal-Kodiċi tagħna, ***Baudry Lacantinerie*** u ***Barde*** jgħidu: «*Dall'art.1178 risulta, che, per poter invocare la sua disposizione, lo stipulante deve provare che il promittente ha, per sua colpa o negligenza, impedito l'adempimento della condizione. Questa è la sola prova che il legislatore gli impone. Lo stipulante non sarebbe dunque tenuto a dimostrare, che la condizione si sarebbe verificata, se il promittente non avesse impedito il suo verificarsi*»[39]. Anki l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna żammet ferm mal-ħsieb li, fejn tassew kondizzjoni ma sseħħx minħabba fatt tad-debitur, ikun anti-ġuridiku li dak id-debitur jitħalla jgawdi min-nuqqas tiegħu stess (viz. ***Marchese Salvatore Mallia Tabone vs. Marchesa Maria vedova del Marchese Antonio Mallia Tabone et***, Prim'Awla, 14/11/1871[40]; ***Inġinier Ċivili u Arkitett Arturo Galea vs. Giuseppe Micallef et***, Prim'Awla, 8/10/1935[41]). Huwa biss meta l-impediment ikun maħluq mid-debitur b'eżerċizzju ta' dritt leġittimu tiegħu li d-dispożizzjoni in eżami ma tiskattax. Fuq it-tagħlim ta' ġuristi bħal ***Pothier*** u ***Toullier***[42], jingħad li jkun hemm eżerċizzju ta' dritt leġittimu meta l-impediment ikun maħluq mill-persuna obbligata billi din tieħu azzjoni biex tippreserva l-jeddijiet leġittimi tagħha[43]. Il-fatti fuq imsemmija u mwettqin mill-konvenuta bl-opera tad-direttur uniku tagħha, Christopher Borg, ma jammontawx għall-eżerċizzju ta' drittijiet leġittimi.

15. Dan apparti l-fatt li din il-qorti wkoll ma tistax tifhem kif Borg xehed, fl-affidavit tiegħu, li hu wkoll kellu jkun imċaħħad minn dħul mill-kumpanija qabel ma ddawwar profitt, meta l-provi juru li hu ħa salarju għas-sena 2015[44]. Dan ifisser ukoll li, fil-kuntest ta' ftehim fejn ħadd ma kellu jitħallas qabel il-qagħda finanzjarja tal-konvenuta

---

[39] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Obbligazioni, Vol.II, §807.
[40] Kollezz. Vol.V.632.
[41] Kollezz. Vol.XXIX.ii.673.
[42] Entrambi huma espressament ċitati minn Sir Adriano Dingli fin-notamenti tiegħu għall-artikolu 766 tal-Ordinanza VII tal-1868, li llum huwa l-artikolu 1060.
[43] ***Toullier*** jispjega: «*Il creditore non può allegare per scusa ch'è stato impedito di adempire la condizione per causa del debitore condizionale, se costui non ha fatto altro ch'esercitare verso il primo un diritto legittimo. Per esempio, mio padre vi ha legato la sua casa, se, tra il mese della sua morte, diate 3,000 fr. a Pietro, se andiate a Parigi. Io ho fatto pignorare e vendere i vostri mobili per una somma che voi mi dovevate personalmente; io vi ho fatto imprigionare, perchè il mio credito portava l'arresto personale. Voi non potete allegare per scusa dell'inadempimento della condizione questi fatti succeduti per vostra colpa, e che potevate far cessare pagandomi. Io non ho fatto che avvalermi del mio diritto :* non omne ab haeredis persona interveniens impedimentum, pro expleta conditione, cedit*; L. 38 ff. de status lib. 40, 7*» (Corso di Diritto Civile Francese, Tomo VI, §609, n.1). L-istess jikteb ***Pothier*** (Trattato delle Obbligazione, §212).
[44] Ara folio 971.

titjieb, il-ħlas mill-konvenuta ta' wieħed mill-miftehmin (ċjoè Christopher Borg), ifisser biss li l-konvenuta qed tagħraf li l-kondizzjoni seħħet u għalhekk il-ħlas sar dovut.

16. Illi stabbilit allura li l-attriċi għandha dritt titħallas mill-konvenuta, jmiss issa li jiġi stabbilit kemm għandha titħallas. F'dan ir-rigward, ma jidhirx li kien hemm xi ftehim li jistabbilixxi r-rati applikabbli għall-ħlas dovut lill-attriċi. L-attriċi fil-prospett mehmuż minnha mar-rikors ġuramentat tagħha tippretendi ħlas bir-rata ta' €15 fis-siegħa għal sebgħin ġimgħa, li jġib ammont kumplessiv ta' €21,000.

17. Illi din il-qorti tirrileva, qabel xejn, illi ma tistax tilqa' l-pretensjoni tal-attriċi sa fejn din qed tippretendi ħlas għall-perjodu li jiġi qabel it-8 ta' Jannar, 2015, u ċjoè d-data meta ġiet maħluqa l-konvenuta. Jekk sar xi xogħol mill-attriċi fil-perjodu anteċedenti għal din id-data, ma tistax tkun il-konvenuta d-debitriċi tiegħu la darba ma kienetx għadha teżisti[45]. Għalhekk il-qorti qed tagħraf il-jedd tal-attriċi li titħallas għal sitta u ħamsin ġimgħa, u mhux sebgħin.

18. Din il-qorti jidhrilha li mill-provi prodotti, jirriżulta sodisfaċentement ippruvat li l-attriċi tassew kienet tagħti x-xogħol tagħha lill-konvenuta kif spjegat hi, u dan anki nhar ta' Sibt, kif anke ġie kkonfermat minn xhieda oħrajn, senjatament Reuben Fenech u Chris Said. Christopher Borg ukoll xehed li l-attriċi kienet tidħol għax-xogħol, għalkemm f'ċertu istanzi ried jgħid li ma kinetx tidħol regolarment u anki ċaħad għal kollox li qatt daħlet għax-xogħol nhar ta' Sibt. Però mistoqsi fil-kontro-eżami qatt wissiex lill-attriċi għax mhux tidħol għax-xogħol kif suppost, dan wieġeb li t-twissijiet kien jagħtihom biss b'mod verbali u qatt bil-miktub. Magħfus b'aktar mistoqsijiet, qal illi dawn it-twissijiet saru quddiem persuni oħrajn, li però ma ġewx prodotti biex jixhdu. Sa qal li kien beħsiebu jkeċċi lill-attriċi minn direttur qabel Frar tas-sena 2016, però ġie persważ mill-kontabbli tiegħu biex ma jkeċċihiex; fatt dan li ma ġiex korraborat mix-xhieda l-oħra. Mart il-konvenut, min-naħa l-oħra, xehdet li l-attriċi kienet possessiva fuq ix-xogħol ta' Christopher Borg u fuqu stess, u riedet tagħmel ix-xogħol tagħha – verżjoni din li wkoll tistona ma' dak li xehed Christopher Borg.

[45] Ara, għall-applikazzjoni tal-prinċipju, d-deċiżjoni ***Av. Katya Azzopardi noe vs. Karl Wolfgang Lindenblatt*** (Appell Superjuri, 18/7/2014).

19. Min-naħa l-oħra, din il-qorti hija tal-fehma li r-rata ta' €15 fis-siegħa hija wisq għolja, speċjalment meta jitqies illi ma kien hemm ebda ftehim espress fir-rigward, u anki tenut kont tal-paga minima nazzjonali fiż-żmien rilevanti. Din il-qorti hija tal-fehma li r-rata applikabbli għandha tkun ta' €12 fis-siegħa.

20. Illi għaldaqstant, qed jiġi kkunsidrat illi l-ħlas dovut mill-konvenuta lill-attriċi għandu jiġi kkalkolat bir-rata ta' €12 fis-siegħa, għal tliet siegħat u nofs kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, għal sitta u ħamsin ġimgħa, li jġibu €11,760. Fir-rigward ta' nhar ta' Sibt, l-attriċi qed tippretendi ħlas għal sagħtejn u nofs kull Sibt, li jġib €1,680. B'kollox, għalhekk, €13,440.

21. Fadal biss li tiġi deċiża l-kwistjoni dwar is-self *brevi manu* magħmul mill-attriċi lill-konvenuta.

22. Din il-qorti tosserva illi dwar dan l-aspett tal-kawża ftit li xejn tressqu provi. Effettivament hemm biss ix-xiehda tal-attriċi li, dwar din il-pretensjoni tagħha, ingħatat b'mod ġeneriku għall-aħħar, mingħajr ebda spjegazzjoni dwar fuq kemm-il darba hija silfet dawn il-flus u kif ġew mgħoddija lill-konvenuta, u jekk kienx hemm persuni preżenti, u għaliex dan is-self ma sarx kontra xi skrittura jew għaliex ma tniżżilx fil-kotba tal-kumpanija. Bil-kemm hemm għalfejn wieħed jgħid li l-piż tal-prova li tassew kien hemm dan is-self kien jispetta lill-attriċi, u din il-prova ma jistax jingħad li saret kif imiss. «*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn: a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5. b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577; ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir abbażi tar-regola*

*legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat; d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol.XXIV/i/104)»*[46].

23. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-qorti jidhrilha li l-prova tas-self *brevi manu* allegat mill-attriċi ma saritx kif imiss.

24. Fl-aħħar nett, ikun opportun li din il-qorti tirrileva li għalkemm fir-rikors ġuramentat tal-attriċi ma saret ebda talba għall-imgħax, il-ġurisprudenza ma tipprekludiex lill-qorti adita milli takkorda xorta waħda l-imgħaxijiet lill-parti rebbieħa, peress li l-imgħax jiddekorri b'effett tal-liġi a tenur tal-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, u billi wkoll ġie ritenut li talba għall-imgħax hija konsegwenzjali għat-talba għall-kundanna għall-ħlas tal-kapital (viz. ***Costantino Abela vs. George Azzopardi***, Appell Superjuri, 7/10/2005; ***Crocifissa sive Christine Abela et vs. Valletta Gateway Terminals Limited et***, Appell Superjuri, 30/11/2022). Fiċ-ċirkostanzi, billi l-ammont likwidat b'din is-sentenza huwa inqas kważi b'nofs mill-ammont kumplessivament pretiż mill-attriċi, din il-qorti tħoss li hu xieraq li tapplika r-regola li *illiquidandis non fit mora*.

25. Għaldaqstant din il-qorti qiegħda tiddisponi minn din il-kawża billi:

(i) tilqa' parzjalment l-ewwel talba attriċi u tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuta lill-attriċi in via ta' kumpens minnha dovuti għas-servizzi prestati

[46] **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi** (Appell Inferjuri, 12/4/2007).

mill-attriċi fl-interess u fuq struzzjonijiet tal-konvenuta fis-somma ta' tlettax-il elf erba' mija u erbgħin Ewro (€13,440);

(ii) tiċħad it-tieni talba attriċi billi ma ġietx ippruvata u għalhekk ukoll tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta[47];

(iii) tilqa' parzjalment it-tielet talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' €13,440, u dan bl-imgħax legali dekorribbli millum bħala l-jum tal-likwidazzjoni sa dakinhar tal-ħlas effettiv;

(iv) tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenuta;

(v) tordna li l-konvenuta tħallas tliet kwarti tal-ispejjeż tal-kawża kif ukoll tal-ittra uffiċċjali tal-10 ta' Marzu 2016 u tal-mandat ta' sekwestru mressaq kontestwalment ma' din il-kawża, filwaqt li l-attriċi tbati r-rimanenti kwart.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur

[47] Dik numerata erbgħa (4) fir-risposta ġuramentata.